# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA, 20 TA' FRAR, 2001

*Avviz. Nru 1830/00 AJD*

Laferla Insurance Agency Limited

vs

Kathleen Cremona

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Ottubru, 2000, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tletin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm130.41), bilanc ta' prezz ta' 'medical insurance premiums' mahruga mis-socjeta' attrici ghal favur ta' impjegati ta' Inlingua School of Languages. Illi nonostante nterpellata thallas l-imsmemi ammont, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra bonarja tad-9 ta' Awissu, 2000 u tat-28 ta' Awissu, 2000 u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tal-polza ta' assikurazzjoni partikolari sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn din eccepiet li:-

L-ammont mitlub mis-socjeta' attrici jinkludi talba ghall-hlas ta' 'insurance premiums' ghall-impjegati li m'ghadhomx jahdmu ma' Inlingua School of Languages u li kif kien jidher mid-dokument KC1, l-ammont dovut lis-socjeta' attrici rapprezentanti l-'insurance premiums' mhuwiex ta' mija u tletin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm130.41) ghaliex minnhom irid jitnaqqas l-ammont dovut a rigward ta' l-impjegati li m'ghadhomx jahdmu ma' Inlingua. Ghalhekk il-bilanc dovut huwa ta' sebgha u sittin liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm67.35).
Illi l-konvenuta baghtet cheque numru 12034, (Dok. KC2), fl-ammont ta' sebgha u sittin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm67.35) lis-socjeta' attrici liema cheque gie mibghut lura mill-istess socjeta'.

Ghaldaqstant l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Sema' x-xhieda ta' Peter Meilaq u ta' Pio Dalli, rapprezentanti tas-socjeta' attrici.

Ikkunsidra:

Illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici jirrigwarda bilanc ta' prezz ta' 'insurance premiums' mahruga mill-istess socjeta' attrici a favur impjegati tal-Inlingua School of Languages. L-'insurance premiums' kienu jirrigwardaw 'Group Medical Policy' mahruga ghall-impjegati tal-Inlingua School of Languages li taghha l-konvenuta hija 'Managing Director'.

Il-konvenuta qed tirrifjuta li thallas l-ammont mitlub fl-Avviz stante li dan l-ammont jirrigwarda 'premia' ta' impjegati li m'ghadhomx jahdmu mal-Inlingua School of Languages. Il-konvenuta qed tippretendi 'refund' ta' dawn il-'premium' jew li almenu jsir trasferiment tal-poloz fuq impjegati ohra tal-Inlingua School of Languages.

Illi r-rapprezentanti tas-socjeta' attrici spjegaw li 'individual medical policy' tinhareg ghall-perijodu ta' tnax il-xahar u tul dan il-perijodu ma tistax tigi trasferita fuq haddiehor. Dan jirrizulta wkoll mill-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet u principalment mill-ittra datata 15 ta' Settembru, 1999, fejn is-socjeta' attrici spjegat li jekk in-numru ta' impjegati li jaqghu taht il-'Group Medical Policy' jizdied ghal hamsin (50) jew aktar, tkun tista' tinhareg 'Bulk Group Medical Policy' u r-rati u l-kondizzjonijiet tal-polzi jkunu differenti minn dawk li kienu japplikaw ghall-polza mahruga favur l-Inlingua School of Languages.

Illi inoltre fix-xhieda tieghu tas-17 ta' Jannar, 2001, Pio Dalli li huwa mpjegat bhala 'Manager' mas-socjeta' attrici, spjega li poloz li nhargu mis-socjeta' attrici a favur l-impjegati tal-Inlingua School of Languages kienu nhargu f'isem individwi specifici ghal tnax il-xahar u ma setghux jigu trasferiti f'isem individwi ohra tul dawk it-tnax il-xahar.

Illi jirrizulta ampjament li l-konvenuta hija marbuta b'dawn il-kondizzjonijiet tal-polza hawn fuq imsemmija stante li dawn il-kondizzjonijiet jiffurmaw parti integrali mill-polza li hija ssotoskriviet ghaliha.

Illi una volta li l-istess konvenuta ssottoskriviet ghal dawn il-kondizzjonijiet tal-polza, ma tistax issa tippretendi li ma thallasx il-'premia' dovuti fuq dawn il-poloz ta' assikurazzjoni ghaliex l-imnpjegati in kwistjoni kienu telqu minn mal-Inlingua School of Languages.

Illi inoltre jrid jinghad li l-konvenuta naqset milli tidher u tressaq provi in sostenn tal-eccezzjonijiet sollevati minnha.

Illi t-Tribunal wara li ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti kollha esibiti wasal ghall-konkluzjoni li t-talbiet attrici huma soddisfacentement pruvati.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tletin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm130.41), bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR